MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru. 211/2004

Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia)
vs
Saer Sultani

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Saer Sultani, detentur tal-karta ta' l-identita numru 0022052(M), li permezz taghha huwa gie akkuzat talli :
(1) nhar l-Erbgha 10 ta' Marzu 2004 u fil-jiem ta' qabel gewwa Triq Sanm Giusepp f'Hal-Luqa, impjega jew ta xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi bhala l-persuna responsabbli ta' xoghol li kien qieghed isir gewwa s-Central Pharmacy, Triq San Giusepp Hal-Luqa, impjega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

(3) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi bhala l-principal, jew l-persuna li impjegat persuni ohra, whole time, part time, jew xort ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tharig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10);

Fuq ammissjoni;

Issibu hati, wara illi rat l-Artikoli 32 (1) (b) tal-Kap 217, l-A.L. 110 tal-1993, u l-Artikolu 50 tal-Kap. 343 u l-Artikoli 18, 390, 392, u 392 A tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fat illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ikkopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi irregistra ammissjoni mal-ewwel u b'hekk evita illi ssir il-kumpilazzjoni, ghalhekk il-Qorti ma tqisx piena karcerarja bhala idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat u ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu, ghaldaqstant il-Qorti tikkundannah ghall-multa ta' LM 500, b'sitt xhur zmien ghall-hlas, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------